# 143. Ġesù u s-Sellum tan-Nanna

Ġesù mar għand in-nanna,
ix-xwejħa twajba Anna.

Kif ratu n-nanna qaltlu:
"Imn'Alla ġejt illum
għax, kif b'għajnejk qed tara,
inkiser is-sellum."

Ġesù qallha: "Nagħmillek
sellum ġdid u sabiħ;
li għandek m'għadux tajjeb
biex titla' fl-għoli bih."

U qagħad tul il-jum kollu
jaħdem mingħajr serħan;
u xħin lestieh għal kollox,
lin-nanna qal ferħan:

"Hawn hu s-sellum, ja nanna,
ta' seba' skaluniet;
nixtieq li magħhom titla'
sal-għoli tas-smewwiet!"

U għadda ż-żmien, u telaq
Ġesù ta' ommu d-dar,
u ġol-ibliet hu beda
iwettaq ħwejjeġ kbar:

Ifejjaq lill-imġiddma,
imexxi l-magħtubin.
ikattar ħobż u nbejjed,
iqajjem il-mejtin!

Ix-xwejħa twajba Anna
oh! kemm ftaħret b'Ġesù,
u wriet is-sellum sbejjaħ
u tgħid: "Dan għamlu hu!"

U tgħidx kemm nies ixxabbtu
mas-seba' skaluniet
u xtaqu li jitilgħu
sal-għoli tas-smewwiet!